

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

(2016/C 473/02)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1–4	8
INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	5	8
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	6–13	8
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	11	9
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	12	10
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA	14–20	10
Preżentazzjoni tal-kontijiet	14–16	10
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2015	17–18	10
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali mill-Impriża Konġunta BBI taħt Orizzont 2020	19–20	10
KWISTJONIJIET OĦRA	21–24	11
Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji	21	11
Strateġija Kontra l-Frodi	22–24	11
SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI	25–26	11
Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati tar-riċerka, tal-proġetti	25	11
Kunflitti ta' interess	26	11
ANNEX		12

INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014 ⁽¹⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fis-26 ta' Ottubru 2015.
2. L-għan tal-Inizjattiva BBI huwa li timplimenta programm ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa li jivvaluta d-disponibbiltà ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' materjali b'bażi bijoloġika u abbażi ta' hekk tappoġġa l-istabbiliment ta' katini ta' valur b'bażi bijoloġika sostenibbli ⁽²⁾. Dawk l-attivitajiet għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati tul il-katina ta' valur b'bażi bijoloġika kollha, inkluż l-industrija tal-produzzjoni u tal-ipproċessar ewlenin, il-marki tal-konsumaturi, l-SMEs, iċ-ċentri u l-universitajiet għat-teknoloġija u r-riċerka.
3. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u l-imsieħba fl-industrija rrapreżentati mill-Konsorzju tal-Industrija b'bażi Bijoloġika (BIC).
4. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE għall-Impriża Konġunta BBI, għal attivitajiet ta' riċerka u spejjeż amministrattivi ⁽³⁾, hija ta' EUR 975 miljun li għandha titħallas mill-baġit tal-Programm Qafas ta' Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ⁽⁴⁾. Membri oħra tal-Impriża Konġunta għandhom jikkontribwixxu riżorsi li jammontaw għal mill-inqas EUR 2 730 miljun matul il-perjodu tal-Impriża Konġunta ⁽⁵⁾, inklużi kontribuzzjonijiet fi flus kontanti ta' mill-inqas EUR 182,5 miljun, kontribuzzjonijiet *in natura* ta' mill-inqas EUR 1 755 miljun għal attivitajiet addizzjonali ⁽⁶⁾ u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta ⁽⁷⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar tat-tranżazzjonijiet fil-livell tal-Impriża Konġunta u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol rilevanti ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:
 - (a) il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁸⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁹⁾ għas-sena finanzjarjali ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015; u
 - (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi, l-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli tal-Impriża Konġunta. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ L-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta BBI ma għandhomx ikunu ogħla minn EUR 58,5 miljun u għandhom ikunu koperti mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji maqsuma indaqs fuq bażi annwali bejn l-Unjoni u l-membri li mhumiex l-Unjoni.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1 291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

⁽⁵⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 560/2014.

⁽⁶⁾ Kif jipprevedi l-Artikolu 4(2)(b) tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 560/2014, attivitajiet addizzjonali huma kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet barra l-pjan ta' ħidma u l-baġit tal-Impriża Konġunta iżda li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Inizjattiva BBI. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tal-istess Regolament, l-ispiża tal-attivitajiet addizzjonali jridu jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti estern u mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-Impriża Konġunta jew minn kwalunkwe korp tal-UE.

⁽⁷⁾ L-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta jiddependi fuq l-ammont ta' kontribuzzjonijiet oħra riċevuti.

⁽⁸⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti, sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁹⁾ Dawn jinkludu r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

7. Skont l-Artikoli 16 u 22 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014⁽¹⁰⁾, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni⁽¹¹⁾, u t-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur Eżekuttiv japprova l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽¹²⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunux legali u regolari.

9. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

10. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2015 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 47 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 110/2014.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

13. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA**Preżentazzjoni tal-kontijiet**

14. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-membri tal-Impriża Konġunta BBI li mhumiex l-Unjoni huma meħtieġa jirrappurtaw lill-Bord ta' Tmexxija rigward il-valur tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tagħhom li jkunu saru matul kull sena finanzjarja preċedenti⁽¹³⁾. Abbażi ta' din l-informazzjoni, u skont il-gwida pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea lill-Impriża Konġunta, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri jiddaħħlu fil-kontijiet tal-Impriża Konġunta.

15. Fiż-żmien meta l-kontijiet finali kienu qed jitħejjew, l-Impriża Konġunta kienet għadha ma rċevietx ir-rapporti meħtieġa mill-membri tagħha. Konsegwentement, l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-2015 li ddaħħlu fil-kontijiet huwa bbażat fuq stimi, li saru mill-Impriża Konġunta, tal-ispejjeż imġarrba mill-membri sa tmiem l-2015⁽¹⁴⁾.

16. Il-kontijiet li nħarġu mill-Impriża Konġunta BBI ma jinkludux il-Kont tar-Riżultat Baġitarju u lanqas ma jinkludu tabella ta' rikonċiljazzjoni mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku. Il-Kont tar-Riżultat Baġitarju huwa ppubblikat fir-rapport tal-Impriża Konġunta dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2015⁽¹⁵⁾, għalkemm il-livell ta' informazzjoni pprovdut huwa differenti minn dak mogħti mill-biċċa l-kbira tal-Impriżi Konġunti l-oħra, li juri li hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida ċari għar-rappurtar baġitarju li jsir mill-Impriżi Konġunti.

Implimentazzjoni tal-baġit għall-2015

17. Il-baġit finali 2015 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 209,4 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 21,1 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u għall-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 87 % u 89 %, rispettivament⁽¹⁶⁾.

18. L-impenji operazzjonali totali fl-2015 (EUR 180,4 miljun) saru fl-livell globali u kienu relatati ma' żewġ sejħiet għal proposti fl-2015, li għalihom il-proċeduri ta' għoti kienu għadhom għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2015.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali mill-Impriża Konġunta BBI taħt Orizzont 2020

19. Minn pakkett totali ta' EUR 975 miljun għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi li għandhom jiġu ffinanzjati mill-UE, l-Impriża Konġunta għamlet impenji operazzjonali fil-31 ta' Diċembru 2015 li ammontaw għal EUR 230 miljun (23,6 %). Dan l-ammont jinkludi EUR 17,7 miljun f'pagamenti ta' prefinanzjament li saru mill-Kummissjoni qabel ma l-Impriża Konġunta kisbet l-awtonomija finanzjarja f'Ottubru 2015. Il-kontribuzzjoni fi flus kontanti li saret mill-UE għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta ammontat għal EUR 0,8 miljun.

20. Minn pakkett totali ta' EUR 975 miljun⁽¹⁷⁾ għall-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti li saru minn membri oħra biex ikopru attivitajiet operazzjonali, l-ebda ammont ma ġie rrapportat mill-membri lill-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2015. Fil-kontijiet għall-2015, l-Impriża Konġunta BBI daħħlet ammont stmat ta' EUR 3,5 miljun ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u EUR 0,3 miljun ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti⁽¹⁸⁾ għall-attivitajiet operazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li saru minn membri oħra għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta ammontaw għal EUR 0,8 miljun.

⁽¹³⁾ L-Artikolu 4(3) u 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 560/2014.

⁽¹⁴⁾ L-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* li huwa bbażat fuq stimi huwa ta' EUR 3,5 miljun. Filwaqt li l-Impriża Konġunta użat l-aktar informazzjoni preċiża disponibbli biex tikkalkola l-kontribuzzjonijiet *in natura* li ġew stmati, dan l-ammont ma ġiex iċċertifikat minn awdituri esterni indipendenti (l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 560/2014), u lanqas ma ġie vvalidat mid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta.

⁽¹⁵⁾ Ir-Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja għall-2015, p. 17.

⁽¹⁶⁾ Fil-kontijiet annwali 2015, ir-rata ta' implimentazzjoni li tidher għall-pagamenti hija ta' 2 % biss, meqjusa mid-data li fiha l-Impriża Konġunta saret finanzjarjament awtonoma. Madankollu, għas-sena finanzjarja 2015 sħiħa, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-pagamenti hija ta' 89 %. Il-Kapitolu 3 tar-Rapport tal-Impriża Konġunta BBI dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja għall-2015 jipprovdri ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-implimentazzjoni tal-baġit.

⁽¹⁷⁾ EUR 792,5 miljun *in natura* u EUR 182,5 miljun fi flus kontanti.

⁽¹⁸⁾ Kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż operattivi mill-membri li mhumiex l-Unjoni, skont l-Artikolu 12(3)(a) u (4) tal-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014.

KWISTJONIJIET OĦRA**Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji**

21. L-Impriża Konġunta BBI stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet finanzjarji u operazzjonali fl-uffiċċju, u qed tiżviluppa programm ta' awditi *ex post* ta' beneficijarji tal-għotjiet li għandu jiġi implimentat mill-2017⁽¹⁹⁾. Dawn il-kontrolli huma għodod ewlenin għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* lill-Impriża Konġunta mill-membri tagħha li mhumiex l-UE.

Strateġija Kontra l-Frodi

22. Skont l-Artikolu 12 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta BBI, jenħtieġ li l-baġit jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' frodi u irregolaritajiet.

23. Wara l-adozzjoni ta' Strateġija Kontra l-Frodi mill-Kummissjoni f'Ġunju 2011, l-ewwel Strateġija komuni Kontra l-Frodi fil-qasam tar-Riċerka ġiet adottata f'Lulju 2012, u aġġornata f'Marzu 2015 biex tieħu kont tal-bidliet li ġew introdotti minn Orizzont 2020⁽²⁰⁾. L-Istrateġija Kontra l-Frodi fil-qasam tar-Riċerka tinkludi pjan ta' azzjoni li għandu jiġi implimentat mill-Impriża Konġunta għar-riċerka.

24. Hemm diġà stabbiliti proċeduri ta' kontroll intern fl-Impriża Konġunta BBI biex jipprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi u irregolaritajiet, (kontrolli *ex ante* fuq pagamenti, politika dwar kunflitti ta' interess u awditi *ex post* ipplanati għand il-benefiċjarji finali tal-għotjiet). L-Impriża Konġunta qed timplimenta l-miżuri fil-pjan ta' azzjoni, bħal li tagħmel użu mid-databases tal-Kummissjoni biex tidentifika organizzazzjonijiet li ġew esklużi jew il-possibbiltà ta' finanzjament doppju⁽²¹⁾, skont l-iskeda ta' żmien maqbul.

SEGWITU GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI**Monitoraġġ u rappurtar tar-riżultati tar-riċerka, tal-proġetti**

25. Kif meħtieġ mir-regoli ta' Orizzont 2020⁽²²⁾, l-Impriża Konġunta BBI iddivulgat informazzjoni dwar indikaturi speċifiċi dwar ir-riżultati tar-riċerka fir-Rapport Annwali tal-Attività tagħha (indikaturi tal-prestazzjoni u indikaturi għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet trażversali)⁽²³⁾. Madankollu, għall-2015, ftit ingħataw dettalji billi l-ewwel proġetti tal-BBI kienu fil-fażi inizjali tagħhom.

Kunflitti ta' interess

26. F'Lulju 2015, il-Kummissjoni ħarġet linji gwida lill-Impriża Konġunta relatati mar-regoli dwar kunflitti ta' interess, inkluż mudell komuni għad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess, li jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tinkorpora fil-proċeduri tagħha.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Ottubru 2016.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

⁽¹⁹⁾ Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tal-Impriża Konġunta BBI, p. 40. L-approċċ tal-awditjar għal proġetti taħt Orizzont 2020 huwa stipulat fl-istrateġija komuni tal-awditjar *ex post* għal Orizzont 2020. L-awditi *ex post* għal proġetti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta taħt Orizzont 2020 se jibdew fl-2017.

⁽²⁰⁾ Pereżempju, l-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni, b'servizz ċentralizzat tal-awditjar u proċessi kummerċjali armonizzati għall-korpi tar-riċerka tal-UE.

⁽²¹⁾ Din l-azzjoni tinkludi wkoll valutazzjoni tal-użu ta' sorsi ta' finanzjament mhux mill-UE biex jiġi evitat finanzjament doppju.

⁽²²⁾ L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 u l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽²³⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta BBI, it-Taqsima 1.3.1, p. 8 sa p. 16 u l-Anness 12, p. 47 sa p. 58.

ANNEX

L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (Brussell)

Kompetenzi u attivitajiet

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderiwaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) – u b'mod partikolari il-Parti III tad-Deċiżjoni 2013/743/UE. Orizzont 2020 għandu l-għan li jkollu impatt akbar fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkombina Orizzont 2020 u l-fondi tas-settur privat fi sħubiji pubbliċi-privati f'oqsma ewlenin fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-għanijiet usa' ta' kompetittività tal-Unjoni, jistimulaw l-investiment privat u jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (l-Impriża Konġunta BBI).</p>
<p>Kompetenzi tal-Impriża Konġunta</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014)</p>	<p>Missjoni: li timplimenta, taħt ir-regoli ta' Orizzont 2020, l-Aġenda Strateġika għall-Innovazzjoni u r-Riċerka (SIRA) żviluppata mill-industrija</p> <p>L-Impriża Konġunta BBI torganizza sejħiet għal proposti għall-appoġġ ta' attivitajiet ta' riċerka, dimostrarazzjoni u mobilizzazzjoni li jippermettu l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati tul il-katina intiera ta' valur li tkopri l-produzzjoni primarja ta' bijomassa, l-industrija tal-ipproċessar u l-użu finali.</p> <p>Speċifikament inkarigata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-koordinazzjoni tat-tfassil tal-Pjan ta' Ħidma Annwali — mill-kontribut għas-SIRA u għall-analiżi tal-KPI — mill-ġestjoni tas-sejħiet — mill-evalwazzjoni tal-proġetti — mill-Proċess ta' Ftehim ta' Għotja — miċ-ċiklu tal-ħajja intier tal-ġestjoni tal-proġetti — mill-ġestjoni tal-komunikazzjoni, tat-tixrid u tal-partijiet interessati — mill-iżvilupp ta' politika ta' appoġġ <p>Għanijiet: li tiżviluppa industrija b'bażi bijoloġika sostenibbli u kompetittivi fl-Ewropa, ibbażati fuq bijoraffineriji li jiksbu l-bijomassa tagħhom b'mod sostenibbli billi:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Turi teknoloġiji ġodda bl-użu ta' bijomassa Ewropea: moduli kimiċi ġodda, materjali ġodda, u prodotti ġodda għall-konsumatur minn bijomassa Ewropea 2. Tiżviluppa mudelli ta' negozju li jintegraw atturi ekonomiċi tul il-katina ta' valur 3. Tistabbilixxi bijoraffineriji ewlenin bl-użu ta' teknoloġiji u mudelli ta' negozju

Governanza	<p>Il-korpi ta' governanza tal-Impriża Konġunta BBI huma (i) il-Bord ta' Tmexxija, (ii) id-Direttur Eżekuttiv, (iii) il-Kumitat Xjentifiku, (iv) il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.</p> <p>(i) Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, fi sem l-Unjoni; u ħames rappreżentanti tal-membri li mhumiex l-Unjoni, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun rappreżentant tal-Intrapriża Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs). Il-Bord ta' Tmexxija għandu r-responsabbiltà globali għall-orjentazzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta BBI u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.</p> <p>(ii) Id-Direttur Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta BBI skont id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv huwa r-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta BBI u għandu jirrispondi lejn il-Bord ta' Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv huwa appoġġat minn Uffiċċju tal-Programm li huwa magħmul minn persunal tal-Impriża Konġunta BBI.</p> <p>(iii) u (iv) Il-Kumitat Xjentifiku u l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandhom ikunu korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta BBI.</p>
Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2015	<p>Baġit</p> <p>EUR 209 422 797 għal impenji</p> <p>EUR 21 075 192 għal pagamenti</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2015</p> <p>22 post previst fit-tabella tal-persunal (persunal temporanj u persunal kuntrattwali), li minnhom 13-il post kienu okkupati; dawn kienu allokatati għal: attivitajiet operazzjonali (7); kompiti amministrattivi (2); kompiti mħallta (4).</p>
Prodotti u servizzi pprovduti fl-2015	<p>Ara r-Rapport Annwali tal-Attività tal-Impriża Konġunta BBI fuq www.bbi-europe.eu</p>

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika.

IR-RISPOSTA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.
